MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 7/2003

**Paul Camilleri**

**vs**

**Philip Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-6 ta' Jannar, 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tal-attur meta fis-27 ta' April, 2002 fi Triq il-Wardija, Mgarr il-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni VSF 120, habat fil-vettura tal-marka Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni BAG 237 proprjeta' ta' l-attur, li kien qed jipprosegwi fid-direzzjoni opposta, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, mperizja u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza li gara fis-27 ta' April, 2002 fil-limiti tal-Mgarr ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attur, is-sewwieq tal-vettura bin-numru BAG 237, li naqas milli jsuq b'mod prudenti go triq dejqa bir-rizultat li huwa habat mal-vettura tal-eccipjenti, li dak il-hin kienet qed tinsaq regolarment u b'speed moderat hafna fuq in-naha taghha tat-triq.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fis-27 ta' April, 2002 fi Triq il-Wardija, limiti ta' l-Imgarr bejn il-vettura VSF 120 misjuqa mill-konvenut illi kien qed isuq fid-direzzjoni ta' l-Imgarr u Mitsubishi Pajero BAG 237 misjuq mill-attur fid-direzzjoni ta' San Martin.
L-attur xehed (fol 13) illi ra tlett karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Dawna ghaddew minn magembu minghajr tfixkil ta' xejn, izda warajhom jara Toyota pickup gej bi speed li dehrlu li kien eccessiv. Dan kien qed isuq ghal nofs it-triq u baqa' ghaddej fl-istess posizzjoni. Meta

rah javvicina ghafas kemm jista’ lejn ix-xellug, pero’ minhabba hajt tas-sejjieh kien hemm limitu sakemm seta’ jersaq. Il-konvenut baqa’ ghaddej fl-istess posizzjoni u velocita’ ta’ qabel u habat mal-bieba ta’ quddiem tal-lemin tal-vettura ta’ l-attur, kaxkar il-gemb kollu, kisser xi hgieg, faqa’ r-rim tar-rota ta’ wara tal-lemin u baqa’ jitkaxkar xi tmintax-il metru sakemm waqaf wara l-attur mal-hajt tas-sejjieh. L-attur jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif muri fl-sketch a fol 22.

Il-konvenut min naha l-ohra a fol 30 ighid illi minn fejn kien qed isuq kien hemm speci ta’ kantuniera li minhabba fiha ma setax jara fit-tul. Kellu vizibilta’ bejn wiehed u iehor ta’ xi cirka 20 metru. Meta l-attur kien qed idur il-kantuniera, rah xi erba’ jew hames metri l-boghod. Kien ghadu miexi fid-dritt. L-attur kien fin-nofs in-naha tas-side tieghu, bhal ma kien qed jaghmel il-konvenut. X’hin rah, ghafas il-brake u l-istess ghamel il-konvenut, pero’ minhabba gandott fuq in-nahha tax-xellug tieghu ma setax jikser lejn ix-xellug. Iz-zewg vetturi baqghu javvicinaw lejn xulxin u l-konvenut laqat il-vettura ta’ l-attur fil-bieba bil-mudguard ta’ quddiem tal-lemin, fejn gratilha xi hsarat. Bid-daqqa l-karozza tal-konvenut ingibdet lejn il-lemin u spiccat gol-hajt xi distanza l-boghod. L-istess gralu l-attur fejn spicca habat mal-hajt fuq in-nahha ta’ wara.

Il-konvenut jaqbel ma’ l-sketch li hemm esebit u jikkonferma l-posizzjonijiet tal-vetturi kif spiccaw. Ighid illi mhuwiex veru li l-vettura ta’ l-attur kienet wieqfa fil-mument ta’ l-impatt pero’ kienet ghadha *in motion.*
Ikkunsidrat:

Ghal dik li hija responsabbilta’ l-Qorti trid tiehu dawn iz-zewg versjonijiet abbinati ma’ l-sketch tas-surgent li nvestiga l-kaz ftit wara l-incident. L-sketch esebit a fol 22 juri l-vettura ta’ l-attur nettament fuq in-nahha tax-xellug tat-triq, mentri l-vettura tal-konvenut tidher *wrong side* imkahhla mal-hajt ta’ l-istess nahha ta’ l-attur. Iz-zewg sewwieqa allegaw sewqan eccessiv fuq xulxin, izda l-Qorti jidhrilha illi dana bl-ebda mod ma gie ppruvat, la min nahha ta’ l-attur u lanqas minn nahha tal-konvenut, pero’ l-Qorti hija sodisfatta li fil-fatt kien hemm nuqqas ta’ *proper*

*look out* da parti tal-konvenut. Veru li l-post fejn gara l-incident hija triq dejqa u twila fil-kampanja, fejn allura kien jirrikjedi aktar attenzjoni ghas-sewwieqa li jkunu qeghdin juzawha. Dan ma jidhirx li ghamlu l-konvenut, kemm bil-posizzjoni kif spiccaw il-vetturi, kemm fuq dak illi qal is-surgent fejn fl-okkorrenza a fol 20 inghad *"……and all he remembers was that all of a sudden he saw the other car passing by his van and the collision occurred."*

Persuna li jkun qed izomm *a proper look out* ghandu josserva hafna aktar minn hekk. Apparti dan il-Qorti tinnota certa diskrepanzi fix-xhieda tieghu. A fol 30 il-konvenut ighid illi wara illi ra lill-attur jaghfas il-brake, izda fl-istess nifs a fol 31 ighid illi fl-ebda hin ma ghafas il-brake. Dan jitfa' aktar piz fuq it-tezi ta' l-attur li l-konvenut dak il-hin ma kienx jaf sew x'hinhu jaghmel. Apparti dan kollu l-Qorti taghmel referenza ghar-ritratti a fol 36, specifikament ghad-daqqa illi sofriet il-karozza ta' l-attur. Din id-daqqa tidher nettament fuq il-gemb mill-bieba ta' quddiem lura, fejn jindika illi l-impatt gie assorbit minn din il-vettura, mill-vettura misjuqa mill-konvenut illi dak il-hin kienet f'posizzjoni angolata. Dina hija l-versjoni moghtija mill-attur illi l-Qorti jidhrilha li ghandha timmerita konferma. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku ghal dak li jirrigwarda sewqan fit-toroq tal-kampanja.

Issir referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (per JSP) fil-15 ta' Jannar, 1993 fil-kawza fl-ismijiet <u>*Scicluna vs Azzopardi*</u> fejn inghad *li sewwieq ghaddej fi triq dejqa u serpegganti fil-kampanja, kellu jezercita' l-aktar attenzjoni u ma jkomplix isuq jekk ma jkunx cert li t-triq quddiemu hija libera*. Il-konvenut ma ghamel xejn minn dan, anzi ma kienx qed izomm *a proper look out* biex ma setax jiftakar sew dak illi gara *a tempo vergine.* Naturalment wara kulhadd ikun gharef u l-konvenut seta' kellu ripensament dwar il-versjoni li kellu jaghti ghal dan l-incident, izda l-Qorti jidhrilha illi dan ir-ripensament kien tard wisq u ghandha aktar toqghod fuq dak li nghad lis-surgent proprju ftit wara li gara l-kaz.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-attur qieghed jitlob fl-avviz elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) jew somma ohra verjuri. Gew esebiti diversi dokumenti u stimi peress illi l-attur ma affetwax it-tiswijiet kollha u fi kliemu stess il-karozza baqghet kif kienet pendenti din il-kawza. Il-Qorti thoss li hemm diskrepanza bejn id-dokumenti u stimi s-*survey* maghmul mis-*surveyor* Joseph Muscat, liema *survey* huwa esebit a fol 47. Dan id-dokument igib it-total ta’ elf mija u tlieta u sebghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1173.27). Peress illi din ic-cifra hija bla VAT, il-Qorti sejra zzid it-18% tassattivi fil-mument tad-decizzjoni. Dan il-persentagg igib iz-zieda ta’ mitejn u hdax-il lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm211.88), b’total ghal elf tlett mija u hamsa u tmenin lira u hmistax-il centezmu (Lm1385.15). Il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu jkun kanonizzat f’din l-ahhar cifra u mhux fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) li originarjament talab fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fis-27 ta’ April, 2002 fi Triq il-Wardija, limiti ta’ l-Imgarr bejn il-vettura Toyota bin-numru VSF 120 misjuqa mill-konvenut, Mitsubishi BAG 237 misjuq mill-attur u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni dovuti lill-attur fl-ammont ta’ elf tlett mija u hamsa u tmenin lira u hmistax-il centezmu (Lm1385.15) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat. Ghal dawk li huma spejjez peress li fl-avviz intalbet somma verjuri, l-Qorti ma jidhirlhiex li ghandu jkun hemm temperament fl-oghti ta’ l-ispejjez illi ghandhom jithallsu interament mill-konvenut. Bl-imghax pero’ pagabbli mill-gurnata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------